**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGHAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Frar, 2024**

**Talba Nru: 158/2021MD**

**Lift Services Limited (C 5543)**

**Vs**

**Johnaton Abela (K.I. Nru 376185M)**

## It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fit-3 ta' Ġunju, 2021[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attriċi talbet lil konvenut iħallas l-ammont ta' elf, mija, erbgħa u tletin ewro u sitta u sebgħin ċenteżimu (€1,134.76) rappreżentant ħlas dovut għal xogħolijiet ta' manutenzjoni li wettqet is-soċjeta' attriċi fuq lift, kif kellha struzzjonijiet mill-konvenut sabiex tagħmel. Bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċċjali 284/21 mibgħuta taħt l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 u l-imgħax legali kollu mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta ppreżentata fil-11 ta' Ottubru, 2021[2] fejn il-konvenut eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok fil-vesti personali tiegħu qatt ma kellu ebda relazzjoni kuntrattwali u jew kummerċjali mas-soċjeta' rikorrenti w għalhekk għandu jiġi lliberat;

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.
[2] *A fol* 6 *et seq* tal-process.

2. Illi fi kwalsiasi każ l-esponenti dejjem informa lis-soċjeta' rikorrenti li kien qiegħed jaġixxi f'isem terzi w għalhekk l-esponenti żgur li ma jistax jigi kkundannat iħallas *invoices* li mhux dovuti minnu personali;

3. Illi fi kwalsiasi każ u minghajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti qatt, la f'ismu personali u lanqas f'isem it-terzi ma ta struzzjonijiet biex isiru tibdiliet u tiswijiet fil-lift fl-ammont rikjest mis-soċjeta' rikorrenti w għalhekk *se mai* l-attriċi għandha tidderiġi r-rikjesta għal-hlas tagħha mingħand il-persuna li nkarigata sabiex taghmel dan ix-xogħol estensiv fuq dan il-lift komuni fi blokka ta' appartamenti bejn diversi sidien;

4. Illi fi kwalsiasi każ l-ammont mitlub huwa wieħed eċċessiv;

5. Illi fil-kumplament it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra d-dokumenti li ġew esebieti in atti.

Ra l-affidavits u x-xhieda prodotta mill-partijiet.

Ra s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza finali.

**Fatti fil-Qosor**

Is-soċjeta' attriċi titlob sabiex il-konvenut iħallas l-ammont ta' elf, mija, erbgħa u tletin Ewro u sitta u sebgħin ċenteżimu (€1,134.76) rappreżentanti ħlas dovut għal xogħolijiet ta' manutenzjoni li wettqet is-soċjeta' attriċi fuq lift, kif kellha struzzjonijiet mill-konvenut sabiex tagħmel. Il-konvenut eċċepixxa li dejjem informa lis-soċjeta' rikorrenti li kien qiegħed jagixxi f'isem terzi għalhekk ma jistax jiġi kkundannat iħallas *invoices* li mhux dovuti minnu personali. Eċċepixxa wkoll li qatt, la f'ismu personali u lanqas f'isem it-terzi ma ta struzzjonijiet biex isiru tibdiliet u tiswijiet fil-lift fl-ammont rikjest mis-soċjeta' rikorrenti u għalhekk *se mai* s-soċjeta' attriċi għandha titlob il-ħlas mingħand il-persuna li nkarigata sabiex tagħmel dan ix-xogħol estensiv fuq dan il-lift komuni fi blokka ta' appartamenti bejn diversi sidien, li l-ammont mitlub huwa wieħed eċċessiv u fil-kumplament it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

**Provi prodotti**

Sema x-xhieda ta' **Matthew Farrugia**[3] li spjega li l-kariga tiegħu mas-soċjeta' attriċi hija ta' CEO u s-sid tal-kumpanija. Fir-rigward tar-relazzjoni bejn is-soċjeta' attriċi u l-appartamenti magħrufin bħala Pana Alpha Court Block F ġewwa l-Fgura kienet meta s-soċjeta' attriċi irċiviet *inquiry* biex toffri s-servizz tagħha għax kellhom xi lift li ma kienx qed jaħdem, kif ukoll kellhom bżonn *maintenance agreement* fuq dan il-lift u għalhekk kien hemm talba biex jingħata servizz fuq il-lift. It-talba saret billi daħlet *e-mail* datata 9 ta' Jannar 2020. Kien irrapurtat li l-lift ma kienx qed jaħdem, u fl-10 ta' Jannar 2020 kienu għamlu appuntament u fil-fatt hemm *e-mail* fejn kien intbagħat "*Thank you for today. Your technician was helpful. He took with him a circuit which needs repairs. Kindly keep me updated once all is ready*." Is-soċjeta' attriċi kienet bagħtet anke l-istimi ta' kemm kienu ser jiswew ir-riparazzjoni u mbagħad ħarġet kwotazzjoni fuq ir-*refurbishment* u cioe' biex tinqala' il-*panel* l-antika u ssir l-*panel* il-ġdida. Għal dan ix-xogħol kien ingaġġahom Dr Johnatan Abela. Spjega li bħala korrispondenza kien hemm *e-mails* anke meta pruvaw jiġbru l-pagament tal-fattura datata 14 ta' Jannar, 2020. Is-soċjeta' attriċi u l-konvenut kienu ltaqgħu fl-14 ta' April, 2020 u kienu waslu f'arranġament fejn kienet intbagħtet email lil legal@alfara.eu u li kienet qed jiġi mwieġba minn Dr Johnatan Abela fejn is-soċjeta' kienet qaltlu, "*following our last meeting we have agreed that once the current quote is accepted we will be in a position to dismantle the parts that have been used after which we will issue a credit note for the new panel. Kindly settle the invoice as soon as possible and once the quote is accepted we will issue the credit note for you*". Sussegwentement is-soċjeta attriċi kienet sewwiet il-lift kif setgħet u kienet bagħtet kwotazzjoni li l-*panel* xorta kellha tiġi rimpjazzata. Bħala ftehim kien li l-*control panel* kellu jinbidel, iżda ix-xogħol l-ieħor xorta kien sar. Is-soċjeta' attriċi kienet kellmet persuna sabiex jiftehmu dwar *bartering*, ċertu Leroi fejn pero' meta ġabu l-kwotazzjonijiet kienu għaljin u ddeċidew li mhux ser ikomplu jaħdmu magħhom u reġgħu bdew jibgħatu sabiex jiġu issetiljati il-kontijiet pendenti. Il-kundizzjoni li kienet fiha l-*control panel* bix-xogħol li għamlu tħaddem il-lift pero' iktar tard xorta kien ser ikollha tinbidel il-*control panel* jew jinxtara lift ġdid. Lift ġdid kien ħafna iktar għali. Spjega li meta is-soċjeta' attriċi daħlet għal manutenzjoni kienet ħadet ix-xogħol mingħand kumpanija oħra, il-lift kien ġja ma jaħdimx u huma għamlu ix-xogħol temporanju fejn il-lift beda jaħdem. Ir-rakkomandazzjoni xorta baqgħet li tinbidel il-*control panel*. Qal li l-ammont dovut għadu pendenti.

Fil-kontro-eżami qal li l-konvenut qatt ma ffirma l-*maintenance agreement*. Fir-rigward tal-ewwel *Jobsheet*, qal li ttieħed *circuit* sabiex jiġi rranġat, għalhekk għandu jsir il-ħlas għaliex ix-xogħol xorta sar. Ma qabilx li qabel jirranġaw xi ħaġa joħorġu kwotazzjoni għax kien jiddependi li jekk tkun inqalat il-bord u ittieħdet għat-tiswija, ma setax ikun jaf kemm kienet ser tiġi tiswa. Il-bord inqalgħet u ttieħdet l-*engineering department* u ġie ddeterminat x'kien hemm bżonn isir fuqha. F'din il-kwistjoni huma kellhom il-*go ahead* sabiex il-ħsara tissewwa u dan kien mingħand Johnatan Abela. Spjega li l-kwotazzjoni li kienet qed issir referenza għaliha ntbagħtet mill-impjegat tiegħu, Antonio, li derhlu li kienet tammonta għal xi sitt elef u xi ħaġa. Ma kienx ser jagħmel xogħol mingħajr ma jiġbor depożitu u konferma bil-miktub għalhekk il-kwotazzjoni saret imma qatt ma ntbagħtet. Mil-*Jobsheet* li intbagħtet mit-tekniku li mar fuq il-post, li jiffirma l-klijent u jiċivieha bl-*e-mail* biex ikun jaf li sar ix-xogħol. Iffirma John Abela Limited, imma ma jafx min kien il-klijent. Il-fattura kienet indirizzata lil Mr. Johnatan Abela, Blk F, Alpha Court, Alfaran Trailers Ltd, Ħal Far Road, Ħal Far. Id-dettalji Alfaran Trailers Limited inġiebu mill-*e-mail* oriġinali,

[3] *A fol* 85 *et seq* tal-proċess.

u ċioe'mis-*signature* tal-klijent. Ma setax jirrispondi jekk fis-*signature* li għamel referenza għaliha, il-persuna kitbitiex f'isimha personali jew f'isem il-kumpanija.

Ra l-affidavit ta' **Johnaton Abela**[4] fejn qal li hu kien impjegat tas-soċjeta' John Abela Limited u dan hekk kif jidher minn Dok. JAI[5] diga preżentat. L-*e-mail address* tax-xogħol li jagħmel użu minnu ma John Abela Ltd huwa legal@alfaran.esr Il-kumpanija tipposjedi diversi appartamenti inkluż blokka appartamenti ġewwa l-Fgura, fejn hemm madwar 15-il appartament, li minnhom il-kumpanija għandha biss minoranza. Spjega li jaf li kien hemm xi sitwazzjoni dwar il-lift tal-komun għaliex ma kienx qiegħed jaħdem u kien infurmah d-Direttur tal-kumpanija biex imur jiltaqa' ma rappreżentant tas-soċjeta' attriċi li kien sejjer biex jispezzjona l-lift biex jara kienx kompatibbli mas-sistemi tagħhom. Fir-rigward tal-mertu ta' din il-kawza, fid-9 ta' Jannar 2020, kienet bghatitlu messaġġ ċertu Francesca Caruana min-naħa tas-soċjeta' attriċi li kellu jmur tekniku tagħhom l-għada fis-14.45hrs. Kien iltaqa' miegħu fuq il-post li jinsab fi Triq Louis Scicluna kantuniera ma Triq Patri Elija fil-Fgura u ltaqa' ma persuna ta' nazzjonalita Taljana. Niżżlu jara l-*machine room* tal-lift u jaf li beda jagħfas xi buttuni biex jara jaħdimx il-lift billi kien ilu mitfi u beda jara, skont ma qallu hu stess, li l-lift kien kompatibbli mas-sistema tagħhom sabiex jassigura ruhhu li jkun jista joffri s-*service agreement*. Jaf li kien għamel xi siegħa fuq il-post u wara li kien xegħel il-lift kien qallu xi ħaġa fuq xi *card* li kellu jehodha biex jara tissewwiex jew tridx tinbidel. Kien staqsieh jekk kienx hemm xi *charges* ta' dakinhar u kien qallu li peress li kienet biss spezzjoni ma kienx hemm *charges*, u kien infurmah li kien ser jiccekja fuq il-*card* li kien qala biex jara jekk tissewwiex jew tridx tinbidel u qallu li kellu jċempillu hu jew mill-ufficju tiegħu biex jgħidulu l-ispiża tat-tiswija jew tibdil ta' din il-*card*. Qabel ma telaq ħareġ *tablet* u talbu jiffirmalu fuqu. Infurmah li kien qiegħed hemm in rappreżentanza tas-soċjeta' li timpjegah u ċioe' John Abela Limited u mhux f'ismu u fil-fatt niżżel John Abela Ltd qabel ma ffirma fuq dan it-*tablet*, hekk kif jidher minn Dok. JAAl[6], u kkonferma li l-firma hija tiegħu u kif jidher qiegħda f'isem John Abela Limited. Mill-istess dokument, din kienet *Job* 15097 u datata 10 ta' Jannar 2020. Ippreżenta fattura[7] li spjega li fija jidher li c-*charge* għal-*Jobsheet* li kien iffirma ghaliha bin-numru 15097 kienet tammonta għal €50. It-tekniku kien mar xi jiem wara biex jerġa jwaħħal l-istess *circuit*. F'din l-okkażżjoni ma kienx preżenti u jidher li dan it-tekniku kien qabad jagħmel xi xogħol iehor li hu jew il-kumpanija li jirrapreżenta ma kienux awtorizzaw. Spjega li minn Dok. JAA2, jidher li inħarget Jobsheet bin-numru 15144[8] fl-ammont ta' €500, fejn fl-aħħar parti żgur li ma ffirmahiex hu u ma għarafx il-firma bħala ta xi Direttur jew rappreżentant tas-soċjeta' John Abela Limited. Fuq l-istess *Jobsheet* datata 13 ta' Jannar 2020 u ċioe' tlett ijiem wara d-data fejn kien preżenti hu, fuq il-parti *Actions Taken* - jidher li t-test hu "*Found Lift not working*" u qal li allura ma kienx minnu li fil-ġurnata li mar huwa u ċioe' fl-10 ta' Jannar 2020, il-lift kien tħaddem, kif allegat is-soċjeta' attriċi. Fl-istess parti tal-istess dokument qal li jidher li x-xogħol li sar kien "*Carried our door control alteration with relay 12v dc*" u jekk wieħed jara l-fattura Dok. JAA2 kien hemm *charge* ta' €231.66 għal din ir-*relay*. Fuq il-parti ta' *Action Taken* qal li jidher ukoll it-test "*Repaired mainboard from external technician*" u fejn fl-*invoice* din tidher riflessa *f'charge* ta' €180. Spjega li għalhekk minn din l-fattura kollha dik kienet l-uniku parti minnha li kien awtorizza huwa. Qal li jidher dejjem isem il-kumpanija John Abela Limited u kienet ic-*charge* ta' €50 u ċioe' dik ta' *Jobsheet* bin-numru 15097, fejn tidher il-firma tiegħu f'isem John Abela Limited. Il-kumplament tac-*charges* ma kienux awtorizzati minnu u lanqas ma ffirma għalihom huwa kif jidher mil-*Jobsheet* bin-numru 15144.

4 *A fol* 112 *et seq* tal-proċess
5 *A fol* 23 tal-proċess
6 *A fol* 114 tal-proċess
7 *A fol* 115 tal-proċess
8 *A fol* 116 tal-proċess

Spjega li meta kien irċieva l-*e-mail* bil-fattura, kien ikkomunika ma Francesca Caruana ta' Lift Services Limited u qalilha li hu qatt ma kien awtorizza dawn ix-xogħolijiet fl-ammont ta €1334.76 u kienet qatlu li kellha titkellem mat-tekniku it-Taljan li kien mar fuq il-post biex tara minn kien awtorizza ix-xogħol. L-istess Francesca jew it-tekniku Taljan kienu kelmuh lura u qalulu li kien hemm persuna fil-blokk li qallu li kien ċertu Lino Abela u kien qallu biex jirranġa li kien hemm bżonn fil-lift. Kien informa lil Francesca u lit-Taljan li kien ċempillu, li f'dik il-blokka il-kumpanija li kien jirrappreżenta hu kellha minoranza ta' appartamenti u li kien hemm ħafna persuni li jgħixu f'din il-blokka u għalhekk ma messux qabad u ħa direzzjoni mingħand ħaddiehor u bagħat il-kont lil kumpanija li kellu x'jaqsam magħha hu ghal xogħol li ma kienx awtorizza u lanqas iffirma għalih hu. Kien anke ssuġġerixxa lis-soċjeta' attriċi sabiex jaqilgħu il-*parts* li kienu twaħlu mingħajr l-awtorizzazjoni tiegħu jew tas-soċjeta' li kien qieghed jirrapreżenta għax is-soċjeta' ma kienetx ser tħallas għal xogħol li ma talbitx hi u dan hekk kif jidher minn Dok. JAA4[9]. Fir-rigward ta' dak li xehed ir-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2023 u ċioe' li kien ġie propost xi tpartit, ippreżenta is-serje sħiħa tal-*e-mails* li kienu gew skambjati f'dan ir-rigward[10] fejn jidher ċar li kien qiegħed jaġixxi f'isem is-soċjeta' u mhux f'ismu personali, in fatti jekk Lift Services Limited riedu kwotazzjoni u hu kien għaddiehom mad-dipartiment tas-*Sales* tal-kumpanija li kien jieħu ħsiebha Leroi Abela u mhux bagħtilhom kwotazzjoni hu personalment.

Ikkonkluda billi qal li l-unika ħaġa mill-provi prodotti li kien hemm il-kunsens tiegħu għaliha, dejjem f'isem is-soċjeta' John Abela Limited, wara kollox kif jidher mid-dokument tas-soċjeta' attriċi stess, kienet dik li tidher fuq il-*Jobsheet* 15097 li skond l-*invoice* tas-soċjeta' attriċi stess kienet tiswa €50.

Fil-kontro-eżami[11] fuq suġġeriment li kien hu li kkuntattja lis-soċjeta' attriċi sabiex jinfurmahom li kien hemm lift il-Fgura li kellu bżonn xi tiswijiet qal li seta' kien hekk iżda ma jiftakarx fiċ-ċert, iżda jekk kien inkarigah d-Direttur biex jibgħat l-*e-mail* seta' kien li bagħtha huwa stess, u jekk bagħat *e-mail* dejjem f'isem il-kumpanija u dejjem mill-*e-mail* tal-istess kumpanija fejn kien impjegat, jew Alfaran Trailers jew John Abela Limited, li huma relatati u huma *sister companies*. L-*e-mail* legal@alfara.eu hija l-*e-mail* li juża fl-impjieg kemm ma John Abela u kemm ma Alfaran Trailers. Huwa talab għal kwotazzjoni għal-*service agreement*. Ikkonferma li fil-*Jobsheet* bin-numru 15144, fejn kien hemm lista ta' xogħlijiet li effettivament saru mit-tekniku li mar fuq il-post it-tieni darba, imma mhux hu għamlu d-dokument. Fit-13 ta' Jannar hu ma kienx preżenti u dak id-dokument kien ġie ffirmat minn xi ħadd ieħor li ma kienx hu. Id-dokument għadda għandu għaliex intbagħat bil-posta fl-uffiċċju ta' Alfaran Trailers ġewwa Ħal Far. Fuq l-istess dokument kien bagħat *e-mail* lil ċertu Francesca li taħdem mas-soċjeta' attriċi u qalilha li dawk ix-xogħlijiet ma kienux awtorizzati minnu u lanqas talabhom hu. Fil-ġurnata li nħareġ id-dokument huwa ma kienx preżenti, u x-xogħlijiet ma awtorizzahomx hu u lanqas ma għamel id-dokument hu. Qal li hu ma huwiex tekniku tal-liftijiet u ma setax jgħid u lanqas VDC ma jafx jgħidlu x'hini. Fir-rigward tal-*e-mail* mibgħut minnu fl-10 ta' Jannar 2020 kien mar it-tekniku li kien Taljan, qala' ċ-ċippa u kellu jinformah jekk kienetx tissewwa jew tinbidel. Hu kien bagħat l-*e-mail* lil Francesca u kien qalilha li kien *helpful* għax kien minnu u għaliex beda jipprova jara jekk setax iħaddem il-lift, u biex tgħaddi informazzjoni fuq dik iċ-ċippa partikolari. L-*e-mail* kien relatat maċ-ċippa u ried informazzjoni meta tkun lesta u mhux biex jinbidel il-lift sħiħ. Spjega li hu kien talab li jintbagħat *maintenance agreement* u dak ma kellux x'jaqsam max-xogħlijiet li kellhom isiru, u dan għaliex kellu jirranġa ċ-ċippa imma mbagħad jipprovduh *b'maintenance agreement*, li sa fejn jaf hu qatt ma ntbagħat.

---

[9] *A fol* 117 tal-proċess
[10] *A fol* 118 et seq tal-proċess
[11] *A fol* 124 et seq tal-proċess

Fir-rigward tal-*e-mail* li jissemma t-tpartit, waslet mingħand s-soċjeta' attriċi u hu rreferiha għas-sales team tal-kumpanija. Fir-rigward tax-xogħol li kien sar, peress li ma kienx awtorizzahom huwa, kien qalilhom jekk iridu jmorru jaqilgħuh għaliex hu qatt ma kien talabhom biex jagħmlu xogħol estensiv fuq il-lift.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal kien għadda għad-deċiżjoni *in parte* dwar li l-eċċezzjoni preliminari mogħtija mil-konvenut u ċioe' li ma huwiex il-leġittimu kontradittur u għalhekk għandu jigi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex fil-vesti personali tiegħu qatt ma kellu ebda relazzjoni kuntrattwali u/jew kummerċjali mas-soċjeta' rikorrenti fit-28 ta' Frar, 2023.

Għalhekk it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jiddeċiedi l-eċċezzjonijiet rimanenti.

Il-kawża odjerna titratta dwar ħlasijiet ta' xogħlijiet li saru fuq lift fi blokka appartamenti ġewwa l-Fgura fuq inkarigu tal-konvenut. Il-konvenut eċċepixxa li hu dejjem informa lis-soċjeta' attriċi li ma kienx qed jaġixxi f'ismu, ma tax struzzjonijiet sabiex isiru tibdiliet u tiswijiet tal-ift fl-ammont rikjest mis-soċjeta' attriċi la f'ismu personali u lanqas f'isem terzi u għalhekk għandha tiddenieġi r-rikjesta għal-ħlas mingħand il-persuna li nkarigathom, l-ammont mitlub huwa wieħed eċċessiv u li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Mix-xhieda prodotta jirriżulta illi saret referenza għal-dokumenti li ġew preżentati mil-konvenut[12] fil-provi mertu tal-eċċezzjoni perliminari, għal-liema referenza ma saret l-ebda oġġezzjoni u għalhekk it-Tribunal ser jeżamina d-dokumenti li saru referenza għalihom ukoll *ai fini* ta' din is-sentenza.

Is-soċjeta' attriċi ssostni illi l-konvenut kien awtorizza lis-soċjeta' attriċi sabiex isiru x-xogħlijiet fuq lift ġewwa l-Fgura li jammontaw għas-somma ta' €1,134.76. Min-naħa l-oħra l-konvenut isostni li huwa qatt ma nkariga lis-soċjeta' attriċi, la f'ismu personali u lanqas f'isem terzi sabiex tagħmel ix-xogħlijiet.

Is-soċjeta' attriċi ippreżentat fattura datata 14 ta' Jannar 2020[13] fejn fid-deskrizzjoni hemm indikat:

- *Jobsheet bin-numru 15097 fl-ammont ta' €50,*
- *Jobsheet bin-numru 15144 fl-ammont ta' €500,*
- *To replace relay and relay base fl-ammont ta' €231.66, u*
- *Dismantling u re-installation of mainboard fl-ammont ta' €180.*

Is-soċjeta' attriċi ssostni illi hi u l-konvenut kienu ftehmu fuq tpartit. Il-konvenut ppreżenta serje ta' *e-mails*[14] s-soċjeta' attriċi kienet bagħtet lil-konvenut għal xi xogħol u huwa kien għadda l-*e-mail* lil ċertu Leroi li kien jaħdem mal-kumpanija. Matthew Farrugia fix-xhieda tiegħu qal li s-soċjeta' attriċi kienet kellmet persuna sabiex jiftehmu dwar *bartering*, ċertu Leroi fejn pero' meta

[12] *A fol* 23 *et seq* tal-proċess
[13] *A fol* 115 tal-proċess
[14] *A fol* 118 *et seq* tal-proċess

ġabu l-kwotazzjonijiet kienu għaljin u ddeċidew li mhux ser ikomplu jaħdmu magħhom u reġgħu bdew jibgħatu sabiex jiġu issetiljati il-kontijiet pendenti.  Jirriżulta illi is-soċjeta' attriċi talbet għal kwotazzjonijiet li ntbagħtu lil rappreżentant tas-soċjeta' Alfaran Trailers Limited, Leroi Abela iżda mill-*e-mails* ma jirriżultax li kien hemm indikat li kien ser isir tpartit.  Illi għalhekk it-tpartit hekk kif qed issostni s-soċjeta' attriċi ma jirriżultax.

Jirriżulta illi fit-9 ta' Jannar, 2020 il-konvenut bagħat *e-mail* lis-soċjeta' attriċi fejn qalilha:

> *We have a lift in fgura, which needs maintenance and some repairs to make it functional again.  Can you please give me a quote for a service agreement and for repairs.*

Sussegwentement huwa irċievha appuntament għal l-għada fit-14.45hrs tramite *e-mail* kif ukoll *draft copy* tal-*maintenance agreem*ent.

L-għada l-konvenut reġgħa bagħat *e-mail* oħra lis-soċjeta' attriċi fejn qal:

> *Thanks for today.*
>
> *Your technician was very helpful.*
>
> *He took with him a circuit which needs repairs.  Kindly keep me updated once all is ready.*
>
> *As for the maintenace agreement – what is you very best price on this please?*

Fejn ircievha risposta li ma kienux 100% ċerti jekk ix-xogħol kien ser ikun lest sa dak inhar.

Dan jirriżulta mill-*Jobsheet* bin-numru 15097[15] fejn il-konvenut għaraf il-firma tiegħu u l-azzjoni kienet "*removed mainboard in order to repair*".  Illi għalhekk jirriżulta illi l-ammont ta' €50 indikati fil-*Jobsheet* bin-numru 15907 u l-ammont ta' €180.00 rappreżentanti *dismantling and re-installation of mainboard* saru fuq struzzjonijiet tal-konvenut u għalhekk is-somma ta' €230 eskluż il VAT hija dovuta mill-konvenut.

Fir-rigward ta' l-ammont ta' €500 indikati fil-*Jobsheet* bin-numru 15144 u l-ammont ta' €231.66 rappreżentanti *to replace relay and relay base,* il-konvenut isostni li ma humiex dovuti u dan iktar u iktar għaliex huwa ċertament ma tax struzzjonijiet sabiex isiru dawk ix-xogħlijiet la f'ismu personali u lanqas f'isem il-kumpanija li jirrapreżenta hu.  Huwa sostna wkoll illi l-firma kontenenti fil-*Jobsheet* hija ta' ċertu Lino Abela li ma jafx min hu.

Jirriżulta illi saret laqgħa bejn il-partijiet fuq il-fattura datata 14 ta' Jannar 2020.  Jirriżulta illi ntbagħtet *e-mail* datata 13 ta' April 2020 mill-konvenut lis-soċjeta' attriċi fejn qalilha, "*I sent you several e-mails requesting that you take back the new parts which you installed.  Kindly confirm if they have been taken back and revise the invoice"*, għal-liema *e-mail* fl-14 ta' April 2020, is-soċjeta' attriċi irrispondiet "*we have agreed that once the current quote is accepted we will be in a position*

---

[15] *A fol* 114 tal-proċess

*to dismantle the parts for you. After, we will issue a credit note for you. Kindly settle the invoice as soon a possible and once the quote is accepted we will issue a credit note for you."*

Ma jirriżultax l-kwotazzjoni li qed issir referenza għaliha.

Mill-*Jobsheet* bin-numru 15144 jirriżulta illi ġiet iffirmata minn individwu bl-isem ta' Lino Abela. Mill-*e-mail* datata 9 ta' Jannar 2020 mibgħuta mill-konvenut jirriżulta illi dak li kien qed jagħmel referenza għalih kien rigward ic-*circuit* li ħa miegħu t-tekniku. Mill-*e-mail* datata 13 ta' April 2020 jirriżulta illi l-konvenut baqa' jinsisti li s-soċjeta' attriċi terġa tieħu lura il-*parts* li ġew installati u għalhekk minn din il-*Jobsheet* jirriżulta li x-xogħol li sar mis-soċjeta' attriċi ma sarx fuq struzzjonijiet tal-konvenut.

**Decide**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi limitatament fis-somma ta' mitejn, wieħed u sebgħin ewro u erbgħin ċenteżimu (€271.40), u filwaqt li jilqa' r-raba' eċċezzjoni, jiċħad it-tieni, it-tielet, u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenut, bl-imgħax jibda jiddekorri mil-14 ta' Jannar 2020[16] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-ittra uffiċjali bin-numru 284/21 jitħalsu mis-soċjeta' attriċi[17].

L-ispejjeż ta' din il-vertenza titħallas ½ mis-soċjeta' attriċi u ½ mil-konvenut.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[16] Data tal-fattura *a fol* 2 tal-proċess

[17] Għalkemm is-soċjeta' konvenuta ma ppreżentatx l-ittra uffiċjali, it-Tribunal ħa *judicial cognizan*ce tal-istess ittra uffiċjali mir-Reġistru tal-Qrati Ċivili minn fejn jirriżulta li l-ittra uffiċċjali ma ġietx notifikata lil-konvenut